

Brussell, 26 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15611/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0265 (COD)**

**TRANS 556
CLIMA 543
ENV 1239
COMPET 1183
CODEC 1850**

NOTA

| | |
|----------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali - Approċċ ġenerali |

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2023 bħala parti mill-Pakkett "Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku".
2. Il-proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, minn hawn 'il quddiem "Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet għal ċerti vetturi tat-triq", għandha tliet objettivi: (a) biex jiġi żgurat aħjar il-moviment liberu u effiċjenti tal-merkanzija u l-kompetizzjoni ġusta, (b) jiġu pprovduti inċentivi suffiċjenti għas-settur biex jitħeġġeġ l-investment f'teknoloġiji b'emissjonijiet zero u (c) jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti u konsistenti tar-regoli ġodda u eżistenti.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

3. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sa Rosa Maria SERRANO SIERRA (S&D, ES) bħala r-rapporteur. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu tat-12 ta' Marzu 2024.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fil-578 sessjoni plenarja, fis-27 ta' April 2023. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fil-159 sessjoni plenarja fil-31 ta' Jannar 2024.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-ħidma tiegħu fl-24 ta' Lulju 2023 taħt il-presidenza Spanjola bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposta u l-eżami tal-valutazzjoni tal-impatt. Mill-preżentazzjoni tal-proposta 'l hawn, il-Kunsill iddelibera dwar tliet rapporti ta' progress. L-ewwel wieħed taħt il-presidenza Spanjola fl-4 ta' Diċembru 2023 (ST 15663/23), it-tieni wieħed taħt il-presidenza Belġjana fit-18 ta' Ġunju 2024 (ST 10214/24) u t-tielet wieħed taħt il-presidenza Pollakka fil-5 ta' Ġunju 2025 (ST 9156/25)
6. Taħt il-presidenza Daniża tkomplet il-ħidma fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fl-4 ta' Lulju 2025, it-18 ta' Settembru, il-15 u l-31 ta' Ottubru u t-13 ta' Novembru.

IV. ĦIDMA LEJN KOMPROMESS

7. Il-Presidenza, filwaqt li qieset il-ħidma tal-presidenzi preċedenti, reġgħet lura u ħadmet abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-ħidma ffukat fuq iż-żamma tal-objettivi ewlenin bl-għan ġenerali li tiġi ssimplifikata d-direttiva filwaqt li jiġi appoġġat l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero. Il-Presidenza tippreżenta soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet pendenti li fadal.
8. Ħarsa ġenerali komprensiva hija pprovduta hawn taħt u tispjega l-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni fid-dawl tal-adozzjoni ta' approċċ ġenerali.

9. L-Artikolu 1(3), relatat mal-użu ta' karozzi tal-linja artikolati u kombinazzjonijiet ta' vetturi speċifiċi għat-trasport tal-passiġġieri, huwa emendat biex jippermetti lill-Istati Membri jkomplu jużaw kombinazzjonijiet speċifiċi.
10. Il-possibbiltà ta' devjazzjoni mill-piżijiet u d-dimensjonijiet kif stabbiliti fl-Anness hija assigurata sew għall-vetturi koperti minn permessi speċjali maħsuba biex iġorru tagħbijiet indiviżibbli [l-Artikolu 4(3)], għall-vetturi li jwettqu operazzjonijiet li ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport [l-Artikolu 4(4)] u għas-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) [l-Artikolu 4 (4a)]. Fl-Artikolu 4b, u f'konformità mal-oġġettivi tal-emenda proposta biex jiġu pprovduti inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet żero u operazzjonijiet tat-trasport intermodali, il-Presidenza tipproponi li vetturi bil-mutur b'emissjonijiet żero jew kombinazzjonijiet ta' vetturi involuti f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali jitħallew ukoll jaqsmu l-fruntieri anke jekk jaqbżu l-piżijiet massimi definiti fl-Anness, dment li l-piż ma jaqbiżx dak li huwa permess kull naħa tal-fruntiera.
11. Fir-rigward tat-trasport ta' tagħbijiet indiviżibbli u r-rekwiżit tal-lingwa għas-sewwieq [l-Artikolu 4(3)], l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu miżuri speċifiċi biex jiżguraw komunikazzjoni effettiva mas-sewwieq.
12. Ġiet introdotta l-possibbiltà li l-Istati Membri jżidu sa 1,380 metru mat-trailer meta joperaw servizzi ta' shuttle iddedikati [l-Artikolu 4 (4aa)], flimkien ma' premessa ġdida [(11c)] li tispijega r-raġunament wara t-tul addizzjonali.
13. Il-perjodu massimu għall-provi bl-EMS fl-Artikolu 4(5) huwa estiż għal seba' snin.
14. Jingħata biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-funzjoni ta' "punt uniku ta' servizz" skont l-Artikolu 4a.
15. L-Artikolu 7 jintroduċi l-possibbiltà li l-Istati Membri jillimitaw l-użu ta' ċerti toroq jew strutturi ta' inġinerija ċivili abbażi ta' tħassib dwar is-sikurezza fit-toroq jew il-karatteristiċi tal-infrastruttura.

16. Minħabba tħassib dwar l-effett tal-piżijiet żejda fuq l-infrastruttura, ġew introdotti bidliet fir-rigward tal-infurzar fl-Artikolu 10d. L-ewwel paragrafu jiċċara li l-Istati Membri jistgħu jużaw kemm sistemi awtomatiċi installati fl-infrastruttura tat-toroq tan-network TEN-T kif ukoll tagħmir tal-użin abbord. Il-vetturi b'emissjonijiet zero, mill-1 ta' Diċembru 2029, għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw mill-bogħod data affidabbli dwar il-piż permezz ta' tagħmir tal-kejl tal-massa abbord, bl-opzjoni li jużaw it-takografu intelliġenti. Id-dettalji ser jiġu stipulati f'att ta' implimentazzjoni.
17. F'każ ta' kriżijiet li jaffettwaw diversi Stati Membri, l-Artikolu 10k jiċċara li l-Kummissjoni tista' tadotta biss atti ta' implimentazzjoni fuq talba tal-Istati Membri kkonċernati.
18. Il-Presidenza tipproponi wkoll simplifikazzjonijiet amministrattivi billi ma tibqax timponi sistema ta' monitoraġġ għall-provi tal-EMS [l-Artikolu 4(5) u (5a)] u billi tħassar l-użu tal-EFTI biex turi li operazzjoni tat-trasport tikkwalifika bħala operazzjoni tat-trasport intermodali [l-Artikolu 6(7)]. Minħabba l-valur miżjud limitat tal-iskemi tal-Politika ta' Aċċess Intelliġenti, tħassar l-Artikolu 10da propost.
19. Fl-Anness, saru bidliet biex jirriflettu l-appoġġ għall-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet zero filwaqt li jitqies it-tħassib mill-Istati Membri dwar it-tqagħbir ordinarju tal-infrastruttura.
 - a. Żdied 0,90 metru addizzjonali għal vetturi artkolati b'vettura bil-mutur b'emissjonijiet zero biex ikun hemm aktar spazju għall-installazzjoni tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero (is-subtaqsima 1.1);
 - b. Tħassir tal-linja relatat ma' għoli żejjed meta jiġu ttrasportati kontejners b'kubatura għolja, peress li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom problema bil-passaġġi minn taħt tal-pontijiet tagħhom (is-subtaqsima 1.3);
 - c. Differenzjazzjoni bejn vetturi bil-mutur b'ħames jew sitt fusien fir-rigward tal-bonus ta' emissjonijiet zero ta' żewġ u erba' tunnelli rispettivament (is-subtaqsima 2.2);

- d. Tnaqqis tal-piż massimu għal 34 tunnellata fil-punt 2.3.6 għal dan it-tip speċjali ta' vettura qasira u tqila filwaqt li jinżammu ż-żewġ tunnellati żejda għal vetturi b'emissjonijiet zero. Hemm linja addizzjonali li tippermetti li l-karozzi tal-linja b'żewġ fusien b'emissjonijiet zero jiżdiedu b'0,50 tunnellati (is-subtaqsima 2.3);
- e. Il-piż żejjed għall-fus tas-sewqan għal vetturi b'emissjonijiet zero tħassar peress li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jsibu li fus tas-sewqan tqil ħafna huwa ta' ħsara kbira wisq għall-infrastruttura (is-subtaqsima 3.4);
- f. Ġiet inkluzja subtaqsima 3.6 għall-fusien tridem tal-vetturi bil-mutur, peress li dan it-tip ta' vetturi għandu karatteristiċi speċifiċi;
- g. Peress li hemm każijiet speċifiċi, żdiedet linja waħda għal vetturi bil-mutur b'ħames fusien u żdiedet linja oħra b'formula bridge li tiddefinixxi d-distanza bejn il-fusien għal kombinazzjonijiet ta' vetturi li jaqbżu t-42 tunnellata (is-subtaqsima 4.3).

V. **KONKLUŻJONIJIET**

- 20. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) mistieden jaqbel dwar approċċ ġenerali dwar it-test ta' compromess meħmuż ma' din in-nota, fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2025.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C, C/2024/895, 6.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/895/oj>

² ĠU C, C/2024/1982, 18.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1982/oj>

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE³ tistabbilixxi l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi permessi tal-vetturi tqal li jistgħu jiċċirkolaw fit-toroq tal-Unjoni biex jiżguraw is-sikurezza fit-toroq u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, u jrawmu l-effiċjenza enerġetika u operazzjonali tal-operazzjonijiet tat-trasport u jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'dawk l-operazzjonijiet. L-evalwazzjoni tad-Direttiva 96/53/KE wriet li kienet effettiva biss parzjalment biex jintlaħqu l-oġġettivi tagħha tas-sikurezza fit-toroq, tas-suq intern u tal-ambjent, u d-dispożizzjonijiet tagħha jeħtieġ jiġu adattati biex ikunu jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi u jippromwovu l-innovazzjoni, jindirizzaw l-isfidi li qed jinbidlu tas-suq tat-trasport u jikkontribwixxu għall-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.
- (2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *dwar Strateġija ta' Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti li tqiegħed it-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur*⁴ tagħmilha ċara li biex tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettiv tal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁵ li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport jonqsu b'90 % sal-2050, hemm bżonn li l-mezzi tat-trasport kollha jsiru aktar sostenibbli, li l-alternattivi sostenibbli jsiru disponibbli b'mod wiesa' f'sistema tat-trasport multimodali, u li jiġu stabbiliti l-inċentivi xierqa biex titħeġġeġ it-tranżizzjoni għal sistema tat-trasport mingħajr tniġġis fl-Unjoni.
- (3) Billi jiġu ssimplifikati u ċċarati r-regoli dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi tqal tat-trasport bit-triq, jeħtieġ jiġu indirizzati l-ineffiċjenzi fl-enerġija u operazzjonali tal-operazzjonijiet tat-trasport transfruntier, jingħataw inċentivi qawwija lill-operaturi biex jużaw it-teknoloġiji bl-emissjonijiet zero, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-użu tas-soluzzjonijiet eżistenti għall-iffrankar tal-enerġija, u jiġu appoġġati aktar l-operazzjonijiet tat-trasport intermodali tal-merkanzija. Biex jonqsu kemm jista' jkun il-piżijiet amministrattivi, tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u jonqsu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u l-ħsara tal-infrastruttura tat-toroq, jenħtieġ li ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-użu tal-vetturi itqal u itwal jiġu armonizzati u jenħtieġ li jissaħħaħ l-infurzar tar-regoli fis-seħħ.

³ ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59.

⁴ COM(2020) 789 final.

⁵ COM(2019) 640 final.

- (4) Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, jenħtieġ li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-effiċjenza ekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, il-protezzjoni tal-infrastruttura tat-toroq u l-aspetti tas-sikurezza fit-toroq.
- (5) It-tipi tal-vetturi tqal, u l-valuri tal-piż ta' dawk il-vetturi, ġew definiti b'referenza għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tal-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi u t-trailers tagħhom, u tas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawk il-vetturi, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2018/858⁶ u (UE) 2019/2144⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk, hu mixtieq li jiġu aġġornati r-referenzi għal dawk l-atti legali rilevanti biex tiġi prevista ċ-ċarezza tal-qafas leġiżlattiv applikabbli.
- (6) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/UE jikkumplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE⁸ fir-rigward tal-promozzjoni u l-appoġġ tat-tkabbir tat-trasport intermodali. Għalhekk, id-definizzjoni ta' operazzjoni tat-trasport intermodali jenħtieġ li tiġi allinjata mat-terminoloġija applikata fid-Direttiva 92/106/KEE biex it-trakkijiet, it-trailers u s-semi-trailers li jintużaw fl-operazzjonijiet intermodali jkunu jistgħu jgawdu l-istess kwoti tal-piż addizzjonali bħall-vetturi tat-triq li jgħorru kontejners jew kaxxi skambjabbli u li jintużaw fit-trasport intermodali fil-kontejners. Dan l-inċentiv tal-piż jenħtieġ li jħeġġeġ lill-operaturi tat-trasport bit-triq jinvolvu ruħhom ukoll fit-trasport intermodali mhux bil-kontejners.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

- (7) Biex ikunu żgurati fehim komuni u implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali, jeħtieġ jiġi ċċarat li d-derogi nazzjonali minn ċerti limiti tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet massimi permessi għal ċerti tipi ta' vetturi li jiċċirkolaw fit-traffiku nazzjonali ma japplikawx awtomatikament għall-vetturi użati fl-operazzjonijiet transfruntieri.
- (8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, f'it li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jstabilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiviżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati fuq is-sewwieq bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li jitolbu lill-operaturi tat-trasport jużaw għodod oħra ta' komunikazzjoni, primarjament ta' natura diġitali, biex jiżguraw komunikazzjoni effettiva bejn is-sewwieq u l-awtoritajiet tal-kontroll. L-operaturi tat-trasport jistgħu, pereżempju, jintalbu jorganizzaw numru tas-servizz li bih is-sewwieq jista' jiġi assistit f'każ li jitwaqqaf mill-awtoritajiet tal-kontroll, u jiżguraw li dan in-numru tas-servizz ikun disponibbli meta s-sewwieq ikun qed isuq, anke fil-ħinijiet ta' billejl u fi tmiem il-ġimgħa. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tiġi stabbilita sistema trasparenti, armonizzata u faċli għall-utenti biex jinkisbu l-permessi.

- (9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) intużaw u ġew ipprovati għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjeb l-effiċjenza ekonomika u enerġetika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, meta jitwettqu f'dominju fiżiku u operazzjonali adegwati. Minħabba l-ispeċifitàjiet nazzjonali, l-interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport u l-kapaċitàjiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-territorji tagħhom. Fl-istess ħin, biex jippermettu impatti soċjoekonomiċi u ambjentali pożittivi usa' tal-użu tal-EMS, hu kruċjali li jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-użu tagħhom fl-operazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu dawn il-kombinazzjonijiet tal-vetturi fit-territorji tagħhom, mingħajr limitazzjoni fl-għadd ta' fruntieri li maqsuma diment li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet nazzjonali għall-EMS stabbiliti mill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan biex ikun żgurat li l-EMS użata fl-operazzjonijiet transfruntieri tkun konformi mal-ogħla limitu komuni tal-piżijiet u d-dimensjonijiet għall-EMS applikabbli f'dawk l-Istati Membri.
- (10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jitħallew jagħmlu provi b'mod temporanju. Tabilħaqq, it-teknoloġiji ġodda li jippermettu iċċarġjar waqt il-moviment, bħall-pannelli solari, il-pantografi u t-toroq elettriċi, jew l-introduzzjoni progressiva tal-EMS fl-Istati Membri, jaf ikollhom bżonn li jinqabżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi f'ambjent tal-ittestjar, inkluż f'sezzjonijiet transfruntieri tan-network tat-toroq. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu jitħallew iwettqu dawk il-provi u jkunu jistgħu jittestjaw il-kompatibbiltà ta' teknoloġiji u kunċetti ġodda bejn il-fruntieri. In-natura temporanja u innovattiva tal-provi jeħtieġ tiġi ċċarata billi jiġi stabbilit perjodu taż-żmien massimu biex isiru. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-għadd tal-provi ta' teknoloġiji ġodda u ta' skemi innovattivi ma jkun ristrett, ħalli jkun evitat li jfixkel l-innovazzjoni.

- (11) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli mwettaq b'vetturi jew b'kombinazzjonijiet ta' vetturi li jaqbżu l-piżijiet jew id-dimensjonijiet massimi u l-użu tal-EMS, minħabba l-ħtiġijiet tagħhom għal karatteristiċi tas-sikurezza addizzjonali u għal infrastruttura xierqa, jeżiġu li tingħata attenzjoni speċjali lil elementi bħat-trasparenza tal-informazzjoni rilevanti, iċ-ċertezza legali u l-armonizzazzjoni tal-proċessi tal-permessi. Għalhekk, l-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu sistema elettronika unika tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha rigward il-kundizzjonijiet operazzjonali u amministrattivi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli u għall-użu tal-EMS, b'mod ċar u aċċessibbli faċilment. Jenħtieġ li din is-sistema nazzjonali tippermetti wkoll lill-operaturi jiksbu l-informazzjoni u jissottomettu l-applikazzjoni b'mod elettroniku, b'format standardizzat, għall-permessi speċjali tat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli fl-Istat Membru kkonċernat.
- (11a) It-traffiku transfruntier bejn l-Istati Membri li jippermetti piżijiet oġġla minn dawk tal-Anness I jista' jtejjeb l-effiċjenza u jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ billi jnaqqas l-ammont totali ta' kilometri misjuqa. Tali operazzjonijiet jenħtieġ li jkunu permessi xorta sakemm il-kundizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri jiġu rispettati għal dawk il-limiti oġġla u jitwettqu minn vetturi bil-mutur b'emissjonijiet żero jew vetturi involuti f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali. Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jidderogaw, skont l-Artikolu 4, mil-limiti tal-piż u d-dimensjoni stabbiliti fl-Anness I.
- (11b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jippermettu operazzjonijiet tat-trasport speċjalizzati li jsiru f'ċirkostanzi li fihom normalment ma jsirux minn vetturi minn Stati Membri oħra, li jippermetti li tali operazzjonijiet jiddevjaw mill-piżijiet u d-dimensjonijiet standard tal-vetturi peress li tali trasport speċjalizzat ma jkollux impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport. Huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza għall-kunċett u l-użu ta' vetturi speċjalizzati, b'mod partikolari fil-kuntest tal-estensjoni ta' tali operazzjonijiet għat-traffiku internazzjonali, biex tkun tista' ssir kooperazzjoni bla xkiel bejn l-Istati Membri li jagħtu l-kunsens tagħhom. Eżempji ċari huma l-operazzjonijiet tat-trasport marbuta mal-qtuġħ tas-siġar għall-injam u l-industrija tal-forestrija, it-trasport li jsir b'kombinazzjonijiet ta' vetturi b'aktar minn sitt fusien, u t-trasport lokali bil-karozzi tal-linja.

- (11c) Sabiex tiġi appoġġata l-effiċjenza operazzjonali u jiġu promossi soluzzjonijiet li jikkontribwixxu biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tat-trasport bit-triq, jenħtieġ li l-Istati Membri jithallex jagħtu tul addizzjonali lill-vetturi artikulati użati fit-trasport shuttle, bil-kundizzjoni li jiġu sodisfatti l-parametri li jifdal tal-Anness 1, u b'mod partikolari s-subtaqsima 1.5 tiegħu. Iż-żieda fit-tul tal-vetturi artikulati li joperaw fit-trasport shuttle li huwa servizz regolari, imwettaq fuq rotta loġistika fissa tista' żżid b'mod sinifikanti l-kapaċità tat-tagħbija, speċjalment għall-oġġetti fuq pallets, u b'hekk tnaqqas l-għadd ta' vjaġġi meħtieġa.
- (11d) Huwa vitali għat-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur tat-trasport bit-triq, li jkun hemm inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet żero. L-Istati Membri mħeġġa jarmonizzaw il-limiti tal-piż nazzjonali tagħhom b'tali mod li l-vetturi b'emissjonijiet żero jiġu inċentivati mingħajr ma jfixxlu t-traffiku transfruntier.
- (11e) Billi d-Direttiva tippermetti derogi minn piżijiet u dimensjonijiet massimi, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jkunu jistgħu jirrestrinġu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza tat-triq jew il-karatteristiċi infrastrutturali, iċ-ċirkolazzjoni ta' ċerti vetturi f'partijiet speċifiċi tan-network tat-toroq tagħhom.
- (12) *imħassar*
- (13) *imħassar*
- (14) It-trasportaturi tal-vetturi b'korpi miftuħa għandhom potenzjal limitat ħafna li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom b'ajrudinamika aħjar. Regoli nazzjonali diverġenti dwar l-isporġenza tax-tagħbijiet fuq it-trasportaturi tal-vetturi jikkawżaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jillimitaw ġmielu l-potenzjal tagħhom li jtejbu l-effiċjenza operazzjonali u l-prestazzjoni tal-enerġija fit-traffiku internazzjonali. Għalhekk, ir-regoli dwar l-isporġenza tat-tagħbijiet tat-trasportaturi tal-vetturi b'korpi miftuħa jeħtieġ jiġu armonizzati biex ikun żgurat li dawn l-oġġettivi jintlaħqu kif suppost.

- (15) Il-vetturi tqal b'kabini elongati bdew deħlin fis-suq, flimkien ma' sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero. Meta jintużaw sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero, skont xi tkun it-teknoloġija, ikun hemm bżonn spazju addizzjonali li ma jingħaddx għad-detriment tat-tagħbija effettiva tal-vettura, biex b'hekk is-settur tat-trasport bit-triq bl-emissjonijiet żero ma jiġix penalizzat mil-lat ekonomiku. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-eċċess fit-tulijiet massimi previsti għall-kabini elongati jista' jkun tali li jipprovdli l-ispażju meħtieġ biex tiġi akkomodata teknoloġija bl-emissjonijiet żero, bħal batteriji u tankijiet tal-idroġenu, diment li l-karatteristiċi tas-sikurezza, tal-effiċjenza u tal-kumdità tal-kabini ajrudinamiċi ma jiġux ipperikolati.
- (16) B'mod simili għall-ħtieġa ta' spazju addizzjonali, lanqas l-istandards attwali m'huma addattati biex jikkumpensaw għall-piż addizzjonali tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, b'mod partikolari fit-trasport fuq distanzi twal. Għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, u għall-aktar vetturi tal-passiġġieri komuni li jintużaw fl-Unjoni, hemm bżonn piż addizzjonali, u piż addizzjonali fuq il-fusien. Teknoloġiji eħfef u ajrudinamika aħjar ser jagħmlu l-użu tas-sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero aktar effiċjenti (pereżempju biex jippermettu vjaġġar fuq medda itwal u ħajja itwal tal-batteriji) billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. Għalhekk, biex jingħataw inċentivi addizzjonali għall-adozzjoni tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, għall-promozzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku, u għat-tagħmir tal-vetturi b'ajrudinamika aħjar, jenħtieġ li l-kwoti tal-piż addizzjonali jinfatmu mill-piż tat-teknoloġija bl-emissjonijiet żero.
- (17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżijiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl.

- (17a) Sabiex jiġi żgurati infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti u tittejjeb il-konformità fir-rigward ta' vetturi b'piż akbar biex tiġi akkomodata teknoloġija b'emissjonijiet żero, il-vetturi jenħtieġ li jittrażmettu informazzjoni dwar il-piż totali attwali tal-kombinazzjoni tal-vetturi mit-teknoloġija abbord b'has-sistema abbord ta' monitoraġġ tal-massa (OBMM) permezz ta' komunikazzjoni ddedikata b'medda qasira (DSRC). L-informazzjoni tista' tintuża mill-Istati Membri biex jiġu identifikati vetturi li jistgħu jkunu qed jaqzbu l-limiti tal-piż, madankollu din id-Direttiva ma tobbligax lill-Istati Membri jużaw id-DSRC fl-infurzar tagħhom. Din l-għodda hija supplimentari għal għodod oħra ta' infurzar. Sabiex jiġi żgurati li tali rekwiżiti jkunu jistgħu jiġu sodisfatti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex id-data tkun tista' tiġi trażmessa lill-awtoritajiet tal-infurzar.
- (17b) Peress li l-introduzzjoni ta' kwalunkwe bidla fit-takografu tista' tkun kumplessa u peress li tista' tiswa l-flus lill-operaturi biex jimmodifikaw il-vetturi bl-OBMM, dan ir-rekwiżit jenħtieġ li japplika biss għal vetturi mgħammra bl-OBMM mill-1 ta' Diċembru 2029. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew il-prerogattiva tal-Istati Membri li jirregolaw ir-rekwiżiti tal-piż għat-trasport nazzjonali, din id-direttiva ma tippredix il-modifika retroattiva tal-OBMM. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tipponi d-data tal-1 ta' Diċembru 2029 b'mhux aktar minn 18-il xahar jekk dan ikun meħtieġ biex tiġi żgurata l-kapaċità li tiġi trażmessa d-data dwar il-piż.
- (18) *imħassar*
- (19) *imħassar*
- (20) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jiġu infurmati regolarment bir-riżultati tal-kontrolli ta' konformità li jsiru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li din l-informazzjoni, ipprovduta mill-Istati Membri, tippermetti lill-Kummissjoni timmonitorja l-iżviluppi tas-suq u l-konformità mad-Direttiva 96/53/KE. Biex is-sottomissjoni tal-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni tiġi ffaċilitata għall-Istati Membri u jkunu żgurati l-uniformità u l-komparabbiltà tad-data, li jippermettu monitoraġġ tal-konformità u evalwazzjoni tal-prestazzjoni ġenerali tad-Direttiva 96/53/KE, hu mixtieq li l-Kummissjoni tistabbilixxi format uniformi tar-rapportar li jkun faċli għall-utenti.

(21) Biex is-settur tat-trasport bit-triq ikun jista' jirrispondi malajr għal xi kriżi, bħal diżastri naturali, pandemiji, kunflitti militari jew fallimenti fl-infrastruttura, hemm bżonn tiddaħħal klawżola ta' emerġenza fid-Direttiva 96/53/KE, li temporanjament tippermetti ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tqal li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi permessi, biex ikun żgurat il-forniment kontinwu tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa. Tali klawżola eċċezzjonali jenħtieġ li tiġi applikata biss meta meħtieġ mill-interess pubbliku, u dment li b'dan is-sikurezza fit-toroq ma tiġix ipperikolata u mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni speċifika applikabbli fil-kuntest tat-trasport militari u deterrenza u rispons imsaħħa.

(22) *imħassar*

- (23) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formola tal-applikazzjoni standard u komuni u tarmonizza r-regoli u l-proċeduri nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi jew arranġamenti simili għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi u li jkunu maħsuba biex iġorru tagħbijiet indiviżibbli, tistabbilixxi format tar-rapportar standard għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar tagħhom, u tistabbilixxi eċċezzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet użati fit-traffiku internazzjonali bejn l-Istati Membri affettwati minn kriżi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.
- (24) Filwaqt li jitqiesu l-ħafna emendi għall-Anness I tad-Direttiva 96/53/KE relatati mal-ħtieġa li jingħataw inċentivi addizzjonali għall-adozzjoni tal-vetturi tqal bl-emissjonijiet żero, għall-ħtieġa li jiġi armonizzat il-piż massimu tal-vetturi bil-mutur b'5 fusien, u għall-ħtieġa li jiġi promoss it-trasport intermodali, jixraq li, għal raġunijiet ta' ċarezza, jiġi sostitwit.
- (25) *imħassar*
- (26) Billi l-oġettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-iżgurar tas-sikurezza fit-toroq, it-trawwim ta' operazzjonijiet tat-trasport sostenibbli u effiċjenti u l-promozzjoni tal-funzjonament tas-suq intern, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost, minħabba n-natura transfruntiera tat-trasport bit-triq u l-problemi li din id-Direttiva hija maħsuba li tindirizza, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġettivi.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (27) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni¹⁰, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur jidhirlu li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija ġustifikata.
- (28) Għalhekk, id-Direttiva 96/53/KE jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 96/53/KE

Id-Direttiva 96/53/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) id-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur fil-kategoriji M₂ u M₃ u t-trailers tagħhom fil-kategorija O u l-vetturi bil-mutur fil-kategoriji N₂ u N₃ u t-trailers tagħhom fil-kategoriji O₃ u O₄, kif ikklassifikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;"

¹⁰ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-valuri kollha tal-piżijiet indikati fl-Anness I huma validi bħala standards taċ-ċirkolazzjoni u b'hekk jirreferu għall-kundizzjonijiet tat-tagħbija, mhux għall-istandards tal-produzzjoni, stipulati fir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.";

* Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

** Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Din id-direttiva ma għandhiex tapplika għal karozzi tal-linja artikolati li jikkonsistu f'faktar minn sezzjoni artikolata waħda, għal kombinazzjonijiet ta' vetturi li jikkonsistu f'vettura bil-mutur bi trailer imqabbad magħha maħsuba għat-trasport tal-passiġġieri jew għal kombinazzjonijiet ta' vetturi li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'semi-trailer imqabbad magħha maħsuba għat-trasport tal-passiġġieri."

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni inċiż, id-definizzjoni ta' "trailer" hija sostitwita b'din li ġejja:

"— "trailer" għandha tfisser vettura kif definit fl-Artikolu 3(17) tar-Regolament (UE) 2018/858,";

(b) fit-tielet inċiż, id-definizzjoni ta' "semi-trailer" hija sostitwita b'din li ġejja:

"— "semi-trailer" għandha tfisser vettura kif definit fl-Artikolu 3(33) tar-Regolament (UE) 2018/858,";

(c) id-definizzjoni li ġejja tiddaħħal wara d-definizzjoni ta' "kombinazzjoni tal-vetturi":

"— "Sistema Modulari Ewropea" għandha tfisser vettura bil-mutur jew kombinazzjoni ta' vetturi flimkien ma' trailer jew semi-trailer wieħed jew aktar fejn il-kombinazzjoni totali tkun taqbeż it-tul massimu awtorizzat u tista' taqbeż il-piżijiet massimi awtorizzati stipulati fl-Anness I u fejn il-vettura bil-mutur individwali, it-trailer(s) u s-semi-trailer(s) ma jkunux jaqbżu l-piżijiet jew id-dimensjonijiet stipulati fl-Anness I,";

(d) id-definizzjoni li ġejja tiddaħħal wara d-definizzjoni ta' "vettura kkundizzjonata":

"— "trasportatur tal-vetturi" għandha tfisser kombinazzjoni ta' vetturi mibnija jew adattata b'mod permanenti għall-ġarr ta' vettura/i oħra,";

(e) fl-erbatax-il inċiż, id-definizzjoni ta' "vettura li taħdem b'mod alternattiv" hija sostitwita b'din li ġejja:

"— "vettura li taħdem b'mod alternattiv" għandha tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament bi fjuwil alternattiv u li ġiet approvata skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858,";

(f) fil-ħmistax-il inċiż, id-definizzjoni ta' "operazzjoni tat-trasport intermodali", il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE*; jew";

* Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).";

(h) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-dimensjonijiet massimi awtorizzati kollha speċifikati fl-Anness I għandhom jiġu vverifikati mal-valuri dikjarati korrispondenti għall-vettura speċifika fid-dokument tal-informazzjoni mehmuż mal-Approvazzjoni tat-Tip tal-Vettura Sħiħa tal-UE, imfassal f'konformità mal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683*, mingħajr tolleranzi pożittivi.;

* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (ĠU L 163, 26.5.2020, p. 1).";

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi għat-trasport internazzjonali tal-oġġetti jew tal-passiġġieri li mhumiex konformi mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Anness I.";

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"3. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jaqbu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi jistgħu jitħallew jiċċirkolaw biss abbażi ta' permessi speċjali maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, jew abbażi ta' arranġamenti simili miftiehma skont il-każ ma' daww l-awtoritajiet, meta daww il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi jgħorru jew ikunu maħsuba biex iġorru tagħbijiet indiviżibbli.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura għall-kisba tal-permessi jew ta' arranġamenti simili għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli tkun bla xkiel, effiċjenti u nondiskriminatorja, billi jimminimizzaw il-piżijiet amministrattivi u jevitaw dewmien bla bżonn.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalar tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu fuq is-sewwieq l-obbligu li jkollu għarfien tal-lingwa/i uffiċjali tal-Istati Membri fejn isseħħ l-operazzjoni. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu miżuri oħra biex jiżguraw komunikazzjoni effettiva bejn is-sewwieq u l-awtoritajiet tal-kontroll, inkluż għodod ta' komunikazzjoni diġitali.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali li ma jaffettwawx għielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'piżijiet jew dimensjonijiet li jiddevjaw minn daww stipulati fit-taqsimiet 1, 2 u 4 tal-Anness I.

L-operazzjonijiet tat-trasport għandhom jitqiesu li ma jaffettwawx għielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operazzjonijiet tat-trasport isiru fit-territorju ta' Stat Membru minn vetturi speċjalizzati jew kombinazzjonijiet ta' vetturi speċjalizzati f'ċirkostanzi li normalment fihom ma jsirux minn vetturi minn Stati Membri oħra;

(b) l-Istat Membru li jippermetti li jsiru operazzjonijiet tat-trasport fit-territorju tiegħu minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piżijiet u/jew dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fl-Anness I, ikun jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej skont il-paragrafu 4a, biex jinkiseb mill-inqas it-tul tat-tagħbija awtorizzata f'dak l-Istat Membru, u biex kull operatur ikun jista' jibbenefika minn kundizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni.";

(c) jiddaħħlu l-Artikoli 4aa u 4a li ġejjin:

"4aa. L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi artikolati użati għat-trasport shuttle f'operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali jew internazzjonali jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fis-subtaqsima 1.1 tal-Anness I jekk it-tul addizzjonali ma jaqbiżx l-1,380 metru.

4a. L-Istati Membri jistgħu jippermettu iċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali tas-Sistemi Modulari Ewropej soġġetti għall-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, b'mod aċċessibbli u trasparenti, l-informazzjoni relatata mal-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi applikabbli għaċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej fit-territorji tagħhom;

(b) l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, b'mod aċċessibbli u trasparenti, l-informazzjoni relatata mal-parti tan-network tat-toroq fejn jistgħu jiċċirkolaw is-Sistemi Modulari Ewropej;

(c) l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konnettività tal-parti tan-network fejn is-Sistemi Modulari Ewropej jistgħu jiċċirkolaw fit-territorji tagħhom man-network tat-toroq ta' Stati Membri ġirien li jippermettu wkoll iċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej, biex jippermettu t-traffiku transfruntier.

Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi iċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, diment li tali sistemi jkunu konformi mal-kundizzjonijiet nazzjonali inkluż il-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni meta jkunu jippermettu iċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom tas-Sistemi Modulari Ewropej.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' seba' snin. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom.";

(f) jitħassar il-paragrafu 7;

(4) jiddaħħlu l-Artikoli 4a u 4b li ġejjin:

"Artikolu 4a

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jamministraw sistema elettronika tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni mill-inqas bil-funzjonijiet ta' "punt uniku tas-servizz" li ġejjin:

(a) punt uniku tad-dħul nazzjonali biex l-applikant għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għall-permess speċjali jew għal arranġament simili kif stipulat fl-Artikolu 4(3) b'format standardizzat;

(b) punt uniku tal-aċċess nazzjonali biex l-applikanti jiksbu l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal permessi speċjali jew arranġamenti simili kif stipulat fl-Artikolu 4(3) u għall-informazzjoni meħtieġa biex jipplanaw ir-rotot tagħhom b'mod ċar, aċċessibbli, u trasparenti;

(ba) punt uniku tal-aċċess nazzjonali għall-informazzjoni dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi permessi fi Stat Membru skont l-Artikolu 4(2), il-punt (a), l-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 4b, fejn rilevanti;

(c) punt uniku tal-aċċess nazzjonali biex l-operaturi tas-Sistemi Modulari Ewropej jaċċessaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(4a), il-punti (a) u (b), meta rilevanti.

Il-punti ta' dħul nazzjonali u l-punti tal-aċċess nazzjonali ta' "punt uniku ta' servizz" jistgħu jiġu kkonsolidati f'sit web uniku disponibbli għall-pubbliku li jipprovdi punt ta' dħul unifikat u li jippermetti lill-utenti jinteraġixxu mal-korp deċiżjonali nazzjonali jew reġjonali rilevanti mingħajr ma jkunu meħtieġa applikazzjonijiet multipli.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-elementi minimi tal-formola tal-applikazzjoni u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2).

Artikolu 4b

1. Kull meta Stat Membru, skont l-Artikolu 4(2), il-punt (a), jippermetti ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piż massimu li jaqbeż il-limiti stabbiliti fit-taqsimiet 2, 3 jew is-subtaqsima 4.3 tal-Anness I, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprojbixxi l-użu fit-territorju tiegħu fit-traffiku internazzjonali ta' dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jkunu konformi mal-valuri tal-piż stabbiliti għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija, meta dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi jinkludu vetturi bil-mutur b'emissjonijiet żero jew meta dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi jkunu involuti f'operazzjoni tat-trasport intermodali.";

(5) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vetturi msemmija fl-Artikolu 1 u konformi ma' din id-Direttiva jkollhom waħda mill-provi li ġejjin:

(a) kombinazzjoni taż-żewġ pjanċi li ġejjin:

(i) il-"pjanċa statutorja tal-manifattur" stabbilita u mwaħħla f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/535*,

(ii) il-pjanċa relatata mad-dimensjonijiet, f'konformità mal-Anness III ta' din id-Direttiva, stabbilita u mwaħħla f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535;

(b) pjanċa waħda stabbilita u mwaħħla f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535 u li jkun fiha l-informazzjoni fuq iż-żewġ pjanċi msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu;

(c) dokument wieħed maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn il-vettura tiġi reġistrata jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni. Dak id-dokument għandu jkollu l-istess intestaturi u informazzjoni bħall-pjanċi msemmija fil-punt (a). Għandu jinżamm f'post aċċessibbli faċilment għal spezzjoni u għandu jiġi protett kif xieraq.";

* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/535 tal-31 ta' Marzu 2021 li jstabilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni u s-sikurezza tagħhom (ĠU L 117, 6.4.2021, p. 1).";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-kolonna tan-nofs tal-prova tal-konformità relatata mal-piżijiet għandu jkun fiha, meta xieraq, l-istandards tal-piż tal-Unjoni applikabbli għall-vettura inkwistjoni.;"

(5a) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"Din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-traffiku fit-toroq fis-seħħ f'kull Stat Membru li jippermetti li l-piż u/jew id-dimensjonijiet tal-vetturi fuq ċerti toroq jew strutturi ta' inġinerija ċivili jkun limitat, abbażi ta' tħassib dwar is-sigurtà fit-toroq u l-karatteristiċi tal-infrastruttura, irrispettivament mill-Istat tar-reġistrazzjoni ta' dawk il-vetturi jew l-Istat fejn dawk il-vetturi jkunu tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni.

Dan jinkludi l-possibbiltà li jiġu imposti restrizzjonijiet lokali dwar id-dimensjonijiet massimi awtorizzati u/jew il-piżijiet tal-vetturi li jistgħu jintużaw f'żoni speċifiċi jew fuq toroq speċifiċi, fejn l-infrastruttura ma tkunx adattata għal vetturi twal u tqal, bħal ċentri ta' l-ibliet, villaġġi żgħar u postijiet ta' interess naturali speċjali.";

(6) L-Artikolu 8b huwa emendat kif ġejj:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. Biex titjeb l-effiċjenza enerġetika tagħhom, il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi attrezzati b'apparati ajrudinamiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 u 3, u konformi mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbu t-tulijiet massimi previsti fis-subtaqsima 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, biex tkun tista' titwaħħal iż-żieda ta' dawn l-apparati man-naħa ta' wara tal-vetturi jew tal-kombinazzjonijiet ta' vetturi. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi attrezzati b'dawn l-apparati għandhom ikunu konformi mas-subtaqsima 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, u kull qbiż tat-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fit-tul tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi.

2. Qabel ma jitqiegħdu fis-suq, l-apparati ajrudinamiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu approvati skont it-tip f'konformità mar-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip fil-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535.";

(b) jitħassar il-paragrafu 5;

(7) jiddaħħal l-Artikolu 8c li ġej:

"Artikolu 8c

It-trasportaturi tal-vetturi b'korpi miftuħa jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fis-subtaqsima 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija awtorizzati.

L-isporġenza jew ir-reffieda tat-tagħbija tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi 'l barra meta mqabbla mat-tagħbija. It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra quddiem il-vettura tal-irmonk sa massimu ta' 0,50 metri, diment li l-ewwel fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trailer. It-tagħbija tista' tisporġi 'l barra minn wara sa massimu ta' 1,50 metri, diment li l-aħħar fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trailer u l-fus ta' wara tal-vettura ttrasportata ma jisporġix lil hinn mill-appoġġ għat-tagħbija.";

(8) l-Artikolu 9a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fis-subtaqsima 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, diment li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika u prestazzjoni tas-sikurezza aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tiġi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mas-subtaqsima 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċità tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi.

2. Qabel ma jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu approvati f'konformità mar-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip fil-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535.";

(b) jitħassar il-paragrafu 3;

(9) l-Artikolu 10b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10b

1. Il-piżijiet massimi awtorizzati tal-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv jew tal-vetturi bl-emissjonijiet żero għandhom ikunu dawk stipulati fit-taqsimiet 2.2., 2.3 u 2.4 tal-Anness I.

Il-piż addizzjonali meħtieġ mill-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero għandu jiġi definit abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-manifattur meta l-vettura inkwistjoni tiġi approvata. Dak il-piż addizzjonali għandu jiġi indikat fil-prova uffiċjali meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 6.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10h biex jissupplimentaw din id-Direttiva billi taġġorna l-lista tal-fjuwils alternattivi msemmija fl-Artikolu 2 li jeħtieġu piż addizzjonali. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ssegwi l-prattika normali tagħha u twettaq konsultazzjonijiet ma' esperti, inkluż esperti tal-Istati Membri, qabel ma tadotta dawk l-atti delegati.

2. It-tul massimu stipulat fis-subtaqsima 1.1 tal-Anness I għall-vetturi artikolati meta dawn jinkludu vetturi bil-mutur b'emissjonijiet żero, jista' jinqabeż bit-tul addizzjonali meħtieġ biex tiġi akkomodata t-teknoloġija bl-emissjonijiet żero, b'massimu ta' 0,90 metri, biex ikunu jistgħu jiżdiedu dawk l-apparati. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi bl-emissjonijiet żero għandhom jikkonformaw mas-subtaqsimiet 1.5 u 1.6 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, u kull qbiż tat-tul massimu ma għandux jikkawża żieda fit-tul tat-tagħbija ta' dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi, biex tkun żgurata l-kompatibbiltà tas-semi-trailers mar-rekwiżiti għall-operazzjonijiet tat-trasport intermodali.

It-tul addizzjonali meħtieġ mill-vetturi bl-emissjonijiet żero għandu jiġi definit abbażi tad-dokumentazzjoni mogħtija mill-manifattur meta l-vettura inkwistjoni tiġi approvata. Dak it-tul addizzjonali għandu jiġi indikat fil-prova uffiċjali meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 6.";

(10) L-Artikolu 10c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10c

It-tulijiet massimi stipulati fis-subtaqsima 1.1 tal-Anness I, soġġetti meta applikabbli għall-Artikoli 9a(1) u 10b(2), u d-distanza massima stipulata fis-subtaqsima 1.6 tal-Anness I, jistgħu jinqabżu b'0,150 metri għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet ta' vetturi involuti fit-trasport tal-kontejners ta' 45 pied jew tal-kaxxi skambjabbli ta' 45 pied, vojta jew mgħobbija, diment li t-trasport bit-triq tal-kontejner jew tal-kaxxa skambjabbli inkwistjoni jkun parti minn operazzjoni tat-trasport intermodali.";

(11) L-Artikolu 10d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jidentifikaw vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni li aktarx ikunu qabżu l-piż massimu awtorizzat u li, għalhekk, jenħtieġ li jiġu vverifikati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-miżuri jistgħu jittieħdu bl-għajjnuna ta' sistemi awtomatiċi installati fl-infrastruttura tat-toroq tan-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1679*.

Minbarra l-użu ta' sistemi awtomatiċi stabbiliti fl-infrastruttura tat-toroq, l-Istati Membri jistgħu jidentifikaw vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni li x'aktarx ikunu qabżu l-piżijiet massimi awtorizzati permezz ta' tagħmir tal-użin abbord installat fil-vetturi f'konformità mal-paragrafu 4.

Stat Membru ma għandux jeżiġi l-installazzjoni tat-tagħmir tal-użin abbord fuq vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li huma rreġistrati fi Stat Membru ieħor.

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u għal-liġi nazzjonali, meta jintużaw sistemi awtomatiċi biex jiġi stabbilit ksur ta' din id-Direttiva u biex jiġu imposti penali, dawk is-sistemi awtomatiċi għandhom jiġu ċċertifikati. Meta s-sistemi awtomatiċi jintużaw biss għal finijiet ta' identifikazzjoni, ma hemmx bżonn li jiġu ċċertifikati.

1a. Sabiex ikunu eliġibbli għall-piż addizzjonali mogħti fil-punti 2.2.1 u 2.2.2 tal-Anness I għall-vetturi b'emissjonijiet żero, il-vetturi mgħammra b'taġmhir tal-OBMM konformi mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2025/2161 u rreġistrati għall-ewwel darba mill-1 ta' Diċembru 2029 għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw mill-bogħod data affidabbli dwar il-piż tal-kombinazzjonijiet ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni lill-awtoritajiet tal-infurzar mal-ġenb tat-triq. L-informazzjoni trażmessa tista' tintuża biss mill-Istati Membri biex jidentifikaw vetturi li jistgħu jaqbu l-piżijiet massimi awtorizzati.

1b. Takografu intelliġenti kif definit fir-Regolament (UE) Nru 165/2014 jista' jintuża għall-fini tat-trażmissjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1a.

1c. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni jekk dan ikun meħtieġ biex tippermetti li d-data msemmija fil-paragrafu 1a tiġi trażmessa lill-awtoritajiet tal-infurzar. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2).

1d. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10h li jipposponu d-data msemmija fil-paragrafu 1a bi 18-il xahar jekk dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li vetturi rreġistrati ġodda jkunu jistgħu jittrażmettu data dwar il-piż permezz ta' komunikazzjoni remota.

2. F'kull sena kalendarja, kull Stat Membru għandu jwettaq għadd xieraq ta' verifiki ta' vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport tal-merkanzija u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva fit-territorju tiegħu fuq il-piżijiet ta' dawk il-vetturi jew ta' dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi, irrISPettivament mill-pajjiż tar-reġistrazzjoni ta' dawk il-vetturi jew mill-pajjiż fejn dawk il-vetturi jkunu tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni.";

* Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024).

(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati li jiżguraw kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà stabbiliti fil-paragrafu 4.";

(12) *imħassar*

(13) *imħassar*

(14) l-Artikolu 10g huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10g

1. Kull sentejn, u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena wara t-tmiem tal-perjodu ta' sentejn ikkonċernat, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni dwar:

- (a) l-għadd ta' kontrolli mwettqa fis-sentejn kalendarji preċedenti;
- (b) l-għadd ta' vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi mgħobbija żżejjed li jkunu nstabu;
- (c) l-għadd ta' sistemi awtomatiċi stabbiliti fl-infrastruttura tat-toroq skont l-Artikolu 10d(1), u jekk ikunux għal finijiet ta' identifikazzjoni biss jew iċċertifikati għal infurzar dirett;

(d) *imħassar*;

(e) l-għadd ta' permessi nazzjonali maħruġa għal trasport anormali skont l-Artikolu 4(3) u t-tul tagħhom (permessi ta' darba jew permessi fit-tul).

Din l-informazzjoni għandha tiġi diżaggregata skont is-sena.

2. Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 1 u, abbażi tal-informazzjoni li tirċievi, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, mhux aktar tard minn 13-il xahar wara li tirċievi l-informazzjoni mingħand l-Istati Membri kollha. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-iżviluppi rilevanti fl-oqsma inkwistjoni.

3. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tistabbilixxi formola tar-rapportar standard b'format elettroniku li jridu jużaw l-Istati Membri biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2) .";

(15) fl-Artikolu 10h, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 10b(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [UP: *jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponu tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.";

(16) fl-Artikolu 10i, jiddaħħal il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

(17) jitħassar l-Artikolu 10j;

(18) jiddaħħal l-Artikolu 10k li ġej:

"Artikolu 10k

F'każ ta' kriżi, meta l-interess pubbliku jkun jeżiġi dan, u diment li s-sikurezza fit-toroq ma tiġix perikolata b'dan, l-Istati Membri jistgħu jagħtu eċċezzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet stabbiliti fl-Anness I għall-vetturi użati fit-traffiku nazzjonali, għal perjodu sa xahrejn, u jistgħu jiġġeddu biss meta l-kriżi tippersisti.

Kull estensjoni bħal din għandha tkun debitament motivata u tiġi notifikata minnufih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika minnufih l-informazzjoni dwar l-eċċezzjoni mogħtija fuq is-sit web uffiċjali tagħha.

Meta kriżi taffettwa diversi Stati Membri, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, fuq talba tal-Istati Membri kkonċernati, biex tistabbilixxi eċċezzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet stabbiliti fl-Anness I għall-vetturi użati fit-traffiku internazzjonali bejn l-Istati Membri affettwati. Il-perjodu ta' din l-eċċezzjoni ma jistax jaqbeż is-sitt xhur u jista' jiġġedded biss meta l-kriżi tippersisti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10i(4).

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kriżi tfisser avveniment eċċezjonali, mhux mistenni u għal għarrieda, naturali jew magħmul mill-bniedem ta' natura u bi skala straordinarja li jiġri fl-Unjoni jew barra minnha, b'impatti diretti jew indiretti sinifikanti fuq il-qasam tat-trasport bit-triq jew l-ekonomija jew il-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, filwaqt li l-funzjonament normali tas-soċjetà jitfixxkel b'mod sinifikanti, u l-interess pubbliku jkun jeżiġi li tittieħed azzjoni urġenti.

Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni speċifika applikabbli għat-trasport militari f'każ ta' deterrenza u tħejjija msaħħa.";

- (19) l-Anness I huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Direttiva;
- (20) fl-Anness III, il-kliem "Direttiva 76/114/KEE" huwa sostitwit bil-kliem "Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/535".

[...]

[...]

Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw, sa mhux aktar tard minn [id-data tal-adozzjoni + sentejn], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Sta għall-Istati Membri biex jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 4a għandu japplika minn [*daħħal id-data: 4 snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' traspożizzjoni*].

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strażburgu,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

IL-PIŻIJET U D-DIMENSIJONIJIET MASSIMI U KARATTERISTIĊI RELATATI TAL-VETTURI

| | | |
|---|---|---------|
| 1. Id-dimensjonijiet massimi awtorizzati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a) | | |
| 1.1 It-tul massimu | | |
| | — vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja | 12,00 m |
| | — trailer | 12,00 m |
| | — vettura artikulata | 16,50 m |
| | — ferrovija tat-triq | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja artikulata | 18,75 m |
| | — karozza tal-linja b'żewġ fusien | 13,50 m |
| | — karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien | 15,00 m |
| | — karozza tal-linja + trailer | 18,75 m |
| | Fil-każ ta' vetturi artikulati, fejn dawk jinkludu vetturi bil-mutur b'emissjonijiet żero, it-tul massimu awtorizzat previst fis-subtaqsima 1.1 jista' jinqabeż b'0,90 m. | |
| 1.2 Il-wisa' massimu | | |
| | (a) il-vetturi kollha għajr il-vetturi msemmija fil-punt (b) | 2,55 m |
| | (b) superstrutturi ta' vetturi kundizzjonati jew ta' kontejners kundizzjonati jew kaxxi skambjabbli trasportati bil-vetturi | 2,60 m |

| | |
|---|---------|
| 1.3 L-għoli massimu | |
| — kwalunkwe vettura | 4,00 m |
| 1.4 Is-superstrutturi u l-oġġetti tal-merkanzija standardizzati li jistgħu jitneħħew bħall-kontejners huma inklużi fid-dimensjonijiet speċifikati fis-subtaqsimiet 1.1, 1.2, 1.3, 1.6, 1.7, 1.8 u 4.4. | |
| 1.4a Jekk xi aċċessorji li jistgħu jitneħħew bħal ski-boxes ikunu ffittjati mal-karozza tal-linja, it-tul tagħha, inkluż l-aċċessorji, ma għandux jaqbeż it-tul massimu stabilit fis-subtaqsima 1.1. | |
| 1.5 Kull vettura jew kombinazzjoni ta' vetturi bil-mutur li jkunu qed jinstantu għandhom ikunu jistgħu jduru f'ċirku kopert b'raġġ estern ta' 12,50m u b'raġġ intern ta' 5,30 m. | |
| 1.5a Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-karozzi tal-linja | |
| Bil-vettura wieqfa, għandu jkun stabbilit pjan vertikali tanġenzjali mal-ġenb tal-vettura li jhars 'il barra miċ-ċirku, billi tiġi mmarkata linja fl-art. Fil-każ ta' vettura artikulata, iż-żewġ partijiet riġidi għandhom ikunu allinjati mal-pjan. | |
| Meta l-vettura tinstaq dritt ġoż-żona ċirkolari deskritta fis-subtaqsima 1.5, l-ebda parti minnha ma għandha toħroġ 'il barra minn dak il-pjan vertikali b'aktar minn 0,60 m. | |
| 1.6 Id-distanza massima bejn l-assi tal-pern tal-ħames rota u wara tas-semi-trailer | 12,00 m |
| 1.7 Id-distanza massima mkejla b'mod paralleli mal-assi lonġitudinali tal-ferrovija tat-triq mill-aktar punt estern fuq quddiem tal-parti tat-tagħbija wara l-kabina sal-aktar punt estern fuq wara tat-trailer tal-kombinazzjoni, mingħajr id-distanza bejn il-wara tal-vettura żiemel u quddiem tat-trailer | 15,65 m |
| 1.8 Id-distanza massima mkejla b'mod paralleli mal-assi lonġitudinali tal-ferrovija tat-triq mill-aktar punt estern fuq quddiem tal-parti tat-tagħbija wara l-kabina sal-aktar punt estern fuq wara tat-trailer tal-kombinazzjoni | 16,40 m |

| | | | | |
|--|-------|--|---|---------------|
| 2. Il-piż massimu awtorizzat tal-vetturi | | | | |
| 2.1 Il-vetturi li jkunu parti minn kombinazzjoni ta' vetturi | | | | |
| | 2.1.1 | Trailer b'żewġ fusien | 18 tunnellati | |
| | 2.1.2 | Trailer bi tliet fusien | 24 tunnellata | |
| 2.2 Il-kombinazzjonijiet ta' vetturi | | | | |
| | 2.2.1 | Ferroviji tat-triq b'ħames fusien jew sitta | | |
| | | (a) vettura bil-mutur b'żewġ fusien bi trailer bi tliet fusien jew vetturi bil-mutur bi tliet fusien bi trailers b'żewġ fusien | 40 tunnellata | |
| | | (b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u bi trailer bi tliet fusien | 40 tunnellata | |
| | 2.2.2 | (a) vettura bil-mutur b'żewġ fusien b'semi-trailer bi tliet fusien jew vetturi bil-mutur bi tliet fusien b'semi-trailers b'żewġ fusien | | 40 tunnellata |
| | | (b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semi-trailer bi tliet fusien | | 40 tunnellata |
| | | (c) vettura bil-mutur b'żewġ fusien b'semi-trailer bi tliet fusien jew vetturi bil-mutur bi tliet fusien b'semi-trailers b'żewġ fusien involuti f'operazzjonijiet ta' trasport intermodali | | 42 tunnellata |
| | | (d) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semi-trailer bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali | | 44 tunnellata |
| | 2.2.3 | ferroviji tat-triq b'erba' fusien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusien u karru b'żewġ fusien | | 36 tunnellata |
| | 2.2.4 | Vetturi artikulati b'erba' fusien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusien u semi-trailer b'żewġ fusien, jekk id-distanza bejn il-fusien tas-semi-trailer hija: | | |
| | | 2.2.4.1 | ugwali għal jew akbar minn 1,3 m u inqas minn jew ugwali għal 1,8m ($1,3 \leq d \leq 1,80$) | 36 tunnellata |
| | | 2.2.4.2 | akbar minn 1,80 m ($1,80 \text{ m} < d$) | 36 tunnellata |

| | | |
|---------------------------------|--|--|
| | | Jekk jiġu rrispettati l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-vettura bil-mutur (18-il tunnellata) u l-MAW tal-fus tandem tas-semi-trailer (20 tunnellata), u l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, il-piż massimu awtorizzat previst fil-punt 2.2.4.2 għandu jiżdied b'żewġ tunnellati. |
| | | Fil-każ tal-kombinazzjonijiet ta' vetturi, inkluż il-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonali tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata. |
| | | Fil-każ tal-kombinazzjonijiet ta' vetturi, inkluż il-vetturi bil-mutur bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fil-punti 2.2.1 (b) u 2.2.2 (b) u s-subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu b'4 tunnellati. |
| | | Fil-każ tal-kombinazzjonijiet ta' vetturi, inkluż il-vetturi bil-mutur b'emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fil-punti 2.2.1 (a) u 2.2.2 (a), (c) u (d), 2.2.3 u 2.2.4 tas-subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati. |
| 2.3 Il-vetturi bil-mutur | | |
| 2.3.1 | Vetturi bil-mutur b'żewġ fusien għajr il-karozzi tal-linja | 18 tunnellata |
| 2.3.2 | karozzi tal-linja b'żewġ fusien | 19,50 tunnellata |
| 2.3.3 | Vetturi bil-mutur bi tliet fusien | 25 tunnellata |
| 2.3.4 | Vetturi bil-mutur bi tliet fusien meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,50 tunnellati. | 26 tunnellata |
| 2.3.5 | Vetturi bil-mutur b'erba' fusien u b'żewġ fusien tas-sewqan u meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,50 tunnellati. | 32 tunnellata |

| | | |
|---|---|---------------|
| 2.3.6 | Vetturi bil-mutur b'ħames fusien u b'mill-inqas żewġ fusien tas-sewqan u b'fus motorizzati wieħed attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,50 tunnellati. | 34 tunnellata |
| Fil-każ ta' vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fil-punti 2.3.1, 2.3.3 u 2.3.4 tas-subtaqsima 2.3 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonali tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata (1). | | |
| Fil-każ ta' vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fil-punti 2.3.1, 2.3.3, 2.3.4, 2.3.5 u 2.3.6 tas-subtaqsima 2.3 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati. | | |
| Fil-każ tal-karozzi tal-linja b'żewġ fusien b'emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fil-punt 2.3.2 tas-subtaqsima 2.3 għandhom jiżdiedu b'0,50 tunnellati. | | |
| 2.4 Il-karozzi tal-linja artikolati bi tliet fusien | | 28 tunnellata |
| Fil-każ tal-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piż massimu awtorizzat ta' 28 tunnellata previst fis-subtaqsima 2.4 jiżdied bil-piż addizzjonali meħtieġ għat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata (1). | | |
| Fil-każ tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piż massimu awtorizzat ta' 28 tunnellata previst fis-subtaqsima 2.4 jiżdied b'żewġ tunnellati. | | |
| 3 Il-piż massimu awtorizzat tal-fusien tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b) | | |
| 3.1 Il-fusien singoli | | |
| | Fus singolu mhux tas-sewqan | 10 tunnellata |
| 3.2 Il-fusien tandem tal-karrijiet u tas-semikarrijiet | | |
| It-total tal-piżijiet tal-fusien għal kull fus tandem ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun: | | |
| 3.2.1 | inqas minn 1 m ($d < 1$) | 11 tunnellata |

| | | | |
|---|--|--|--------------------|
| | 3.2.2 | ugwali għal jew akbar minn 1 m u inqas minn 1,4 m ($1 \leq d \leq 1,30$) | 16 tunnellata |
| | 3.2.3 | ugwali għal jew akbar minn 1,30 m u inqas minn 1,4 m ($1,30 \leq d \leq 1,80$) | 18 tunnellata |
| | 3.2.4 | ugwali għal jew akbar minn 1,8 m ($1,80 \leq d$) | 20 tunnellata |
| 3.3 Il-fusien tridem tat-trailers u tas-semi-trailers | | | |
| | It-total tal-piżijiet tal-fusien għal kull fus tridem ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun: | | |
| | 3.3.1 | inqas minn 1.30 m ($d < 1.30$) | 21 tunnellata |
| | 3.3.2 | ugwali għal jew akbar minn 1,30 m u inqas minn 1,4 m ($1,30 \leq d \leq 1,40$) | 24 tunnellata |
| 3.4 Il-fus tas-sewqan | | | |
| | 3.4.1 | Il-fus tas-sewqan tal-vetturi msemija fis-subtaqsimiet 2.2, 2.3 u 2.4 | 11,5 tunnellata |
| 3.5 Il-fusien tandem tal-vetturi bil-mutur | | | |
| | It-total tal-piżijiet tal-fusien għal kull fus tandem ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun: | | |
| | 3.5.1 | inqas minn 1 m ($d < 1$) | 11,5 tunnellata |
| | 3.5.2 | ugwali għal jew akbar minn 1 m u inqas minn 1,30 m ($1 \leq d \leq 1,30$) | 16 tunnellata |
| | 3.5.3 | ugwali għal jew akbar minn 1,30 m u inqas minn 1,80 m ($1,30 \leq d \leq 1,80$) | 18 tunnellata |
| | | Meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,50 tunnelli. | 19 tunnellata |

| | | |
|---|---|------------------|
| 3.6 Il-fusien tridem tal-vetturi bil-mutur | | |
| | It-total tal-piżijiet tal-fusien għal kull fus tridem ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun: | |
| 3.6.1 | inqas minn 1,30 m ($d < 1,30$) | 21 tunnellata |
| 3.6.2 | ugwali għal jew akbar minn 1,30 m u inqas minn 1,4 m ($1,30 \leq d \leq 1,40$) | 24 tunnellata |
| 4. Karatteristiċi relatati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b) | | |
| 4.1 Il-vetturi kollha | | |
| | Il-piż merfugħ mill-fus tas-sewqan jew mill-fusien tas-sewqan ta' vettura jew kombinazzjoni ta' vetturi m'għandux ikun inqas minn 25 % tal-piż totali mgħobbi tal-vettura jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, meta użata fit-traffiku internazzjonali. | |
| 4.2 Il-Ferroviji tat-triq | | |
| | Id-distanza bejn il-fus ta' wara ta' vettura bil-mutur u l-fus ta' quddiem ta' trailer m'għandhiex tkun inqas minn 3,00 m. | |
| 4.3 Il-piż massimu awtorizzat jiddependi fuq il-bażi tar-rota | | |
| | Il-piż massimu awtorizzat f'tunnellati ta' vettura bil-mutur b'erba' fusien ma jistax jaqbeż ħames darbiet id-distanza f'metri bejn l-aktar fus fuq quddiem u l-aktar fus fuq wara tal-vettura. | |
| | Il-piż massimu awtorizzat f'tunnellati ta' vettura bil-mutur b'ħames fusien ma jistax jaqbeż erba' darbiet id-distanza f'metri bejn l-aktar fus fuq quddiem u l-aktar fus fuq wara tal-vettura, f'każ li l-piż jaqbeż it-32 tunnellata. | |
| | Jekk il-piż massimu awtorizzat ta' kombinazzjoni ta' vetturi, kif speċifikat fis-subtaqsima 2.2, jaqbeż it-42 tunnellati, dan ma għandux jaqbeż il-piż ikkalkulat bl-użu tal-formula li ġejja: $\text{Piż f'tunnellati} \leq 2,7 \times A + 13,5$ fejn A hija d-distanza f'metri bejn il-fusien tal-fusien ta' quddiem nett u ta' wara nett tal-kombinazzjoni ta' vetturi. | |

4.4 Is-Semikarrijiet

Id-distanza mkejla orizzontalment bejn il-fus tal-pern tal-ħames rota u xi punt fuq quddiem tas-semi-trailer ma għandhiex taqbeż iż-2,04 m.
